# L-ISLA ... U L-KUNJOMIJIET (2)


Ritratt antik li juri l-Isla min-naħa tal-Belt.

Il-kitba tagħna tas-sena l-oħra, dwar kunjomijiet barranin fl-Isla, qanqlet xi ftit reazzjoni: kien hemm min irid jaf għaliex ma semmejtx kunjomu, ngħidu aħna, kien hemm min qalli li kunjomu ried jiġi miktub mod ieħor, u kien hemm raġunijiet oħra, li nsemmuhom. Irridu ngħidu li jekk tosservaw, ridna nsemmu ċerti kunjomijiet barranin li huma barra mill-komuni fil-belt tagħna.

Imma ltqajna anke ma' xi sorpriża: ngħidu aħna, sabni sinjur, li qalli li kunjomu hu Pulis. Ngħid is-sewwa jien lanqas kont naf f'liema kategorija se nqiegħdu dan il-kunjom, ħsibtu li hu Malti, u komuni. Iżda dan l-individwu qalli, li Pulis hu kunjom Ingliż, sabu dokumentat, u dan ifisser *people living around pools* – nies li kienu igħixu maġenb jew madwar għadajjar, *pools*. Mur obsor!

Ikkoreġewni dwar il-kunjom Antoncic – li suppost jispiċċa bl-ehhe, Antoncich, bħal Robinich, u Visanich. Iżda barra l-kunjomijiet li semmejna l-aħħar darba, meta qgħadna daqsxejn lura minħabba l-ispazju, sirna nafu kemm l-Isla hija verament rikka fejn jidħlu l-kunjomijiet. U x'taħlita ta' nazzjonijiet!

F'dak l-artiklu tas-sena l-oħra, jiena kont għidt li mill-1979 'il hawn, minħabba t-tluq ta' l-Ingliżi, kont tistenna li l-kunjomijiet Ingliżi jonqsu. Iżda kemm arrajt. Jekk iddur dawra mal-listi elettorali, tara kemm għad fadal minnhom, Ingliżi, jew forsi Britanniċi. Jew forsi trid tgħid ukoll, li dawn *żdiedu* għax ġew minn barra l-Isla? Sibt triq żgħira lejn is-Sur ta' l-isla fiha Ingliżi biss.

Imma ismagħhom ftit: Dunkerley, Healey, Coyle, Huṙat, Cuthbert, Fitzpatrick, Mills, Hatherly, Aitken, Marshall, Ozman, Purkiss, Ellis, Fields, Belcher, Samuel. Issa dan biex ma nsemmux ismijiet magħrufa ħafna, li huma barranin ukoll, bħal Ghiller, Napier, Marston, Baron, Urry, Flask, Rutzen, li bħallikieku nafuhom, drajnihom, bħal Casingena, Cristina, Gilford, Ashmore, Parretti, Caffari u Gaffarena, u min jaf kemm oħrajn.




*L-arma tal-kunjom Xerri: kunjom komuni fl-Isla.*

Imma jekk nibqgħu sejrin hekk tiġi qisha litanija.

Biss nixtieq hawnhekk nagħmel osservazzjoni: kif bosta bliet u rħula jkollhom ċerti kunjomijiet komuni, u abbundanti, aħna l-Isla jidher li llum, intenni llum, ma għandniex. Issib ngħidu aħna fiż-Żejtun komuni, Carabott u Desira, Sciberras komuni f'Birkirkara, Vella u Tonna ġewwa r-Rabat, Mejlaq u Sultana f'Għawdex, eċċ. Jiena kunjom ommi ta' xebba kien Scerri, u ommi kienet dejjem tgħidli li Scerri kien l-iżjed kunjom komuni fl-Isla.

Meta kont qed indur il-lista elettorali, għal dawn il-kunjomijiet, bqajt impressjonat kemm naqas il-kunjom Scerri mill-Isla. Qabel kont ikkonfermajt, li kien komuni hafna, forsi kienu jiżżewġu familji ma' nies tal-familja, *inter-marriages*, kif igħidu li għalhekk hu komuni l-kunjom Abela f'Ħad-Dingli, u xi rħula oħra. Ma nafx.



*Ewġenju Boeg – partikular minn pittura ta' Pawlu Camilleri Cauchi (1980).*

## EWĠENJU BORG

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nagħti *prosit* lil Fr. Alexander Bonnici, ta' l-artiklu tant informattiv u studjat dwar Ewġenju Borg, is-Senglean, ex-Superjur Ġenerali tal-M.U.S.E.U.M. li tiegħu bdiet il-kawża tal-beatifikazzjoni, kif hu sewwa u xieraq li jsir lil bniedem qaddis. Fr. Alexander pinġielna l-ħajja tiegħu kollha b'erba' kelmiet tassew mirquma, kif nafu li jaf, fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra.

Jiena tifel kont għadni meta rajtu għall-ewwel darba fil-M.U.S.E.U.M. fi Triq Sant'Ursula, imma mill-ewwel rajt li hu raġel qaddis. U meta kienet tiġri l-kelma li ġej is-Superjur Ġenerali, kulħadd kien jieħu pjaċir, ta' tfal li konna, għax konna naraw li se tkun okkażjoni mhix bħas-soltu.

Meta fl-1935 kont dħalt it-Tarzna, kont rajtu aktar spiss u mill-qrib, u kkonfermajt li kien raġel qaddis, umli u kolonna tal-M.U.S.E.U.M. sa mill-bidu tat-twaqqif tiegħu sa mewtu qaddisa.

Fr. Bonnici verament taħ il-ġieħ li ħaqqu.

*Charles Clews*